MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 373/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**

**Kenneth Gauci**
**Colin Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Gunju 2004, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza'

dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

2. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

3. bl-iskop li jakkwistaw xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali, kemm ghalihom infushom jew ghal haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam ma' l-Att dwar is-Servizzi Socjali:

a. xjentement jew bi traskuragni, ghamlu dikjarazzjoni falza jew urew haga b'ohra; jew

b. gabu jew taw, jew ikkagunaw jew gieghlu jew xjentement hallew illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kienu taw li kien falz f'haga materjali; jew

c. bi frodi naqsu li jirrapurtaw lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rcevew il-hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandhom jew tista' jkollha konsegwenza materjali fuq l-ammont jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament;

4. taht l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u Tahrig:

a. taw xi taghrif li kienu jafu li huwa falz f'xi punt importanti, jew minghajr ma mpurtahom, taw xi taghrif li kien falz f'xi punt importanti; jew

b. bil-hsieb li jingannaw, ipproducew, taw, baghtu jew xort'ohra ghamlu uzu minn xi dokument li jkun falz f'xi punt importanti; jew

c. ghax riedu, irrifjutaw li jaghtu jew minghajr raguni legittima (li prova taghha hija ghall-karigu taghhom), ma tawx, xi taghrif importanti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 t'Ottubru, 2007, li biha, ma sabitx lill-appellanti hatja tal-ewwel akkuza li minnha lliberathom, sabithom hatja tat-tielet u tar-raba' akkuza b'assorbiment, ghal fini ta' piena, tar-raba' akkuza, w wara li rat l-Artikoli 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 117(1)(iii) tal-Kap. 318, Artikolu 48(c) tal-Kap. 343, liema piena hija assorbita fil-piena oghla mahsuba taht il-Kap. 318, ikkundannat lil Kenneth Gauci jhallas multa ta' sitt elef, tmien mija w tlieta w hamsin Liri Maltin u disghin centezmu (LM6853.90) (rapprezentanti wiehed u nofs is-

somma ta’ erbat elef hames mija w disa w sittin Lira Maltin u seba’ w ghoxrin centezmu (LM4569.27) li huwa llegalment ibbenefika minn hlasijiet maghmula mis-servizzi socjali), filwaqt li kkundannat lil Colin Gauci jhallas multa ta’ erbat elef, mitejn u tlieta w erbghin Lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (LM4243.48) (rapprezentanti wiehed u nofs is-somma ta’ elfejn, tmien mija w tmienja w ghoxrin Lira Maltin u disa’ w disghin centezmu (LM2828.99) li huwa llegalment ibbenefika minn hlasijiet maghmula mis-servizzi socjali), liema multa tirrapprezenta l-ghola multi ai termini ta’ l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Inoltre sabet lill-appellanti hatja tat-tieni akkuza, w wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta w Artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberat liz-zewg appellanti bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn, u dan fil-konfront tat-tieni akkuza.
Il-Qorti akkordat lill-appellanti l-fakulta’ li tali multi fuq indikati jithallsu b’rati mensili fi zmien sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fit-30 t’Ottubru, 2007, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata w filwaqt li tikkonferma li sabet lill-appellanti mhux hatja ta’ l-ewwel akkuza, tilliberahom minn kull htija w piena w fin-nuqqas tapplika piena ta’ mhux aktar minn LM500 fil-konfront taz-zewg appellanti dwar il-piena applikabbli fil-konfront tat-tielet u r-raba’ akkuza w cioe’ dwar l-Att dwar is-Sigurta’ Socjali w l-Att dwar is-Servizz ta’ l-Impieg u Tahrig.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li ma saret ebda prova fir-rigward tat-tieni akkuza li l-appellanti ghamlu xi dikjarazzjoni falza jew li taw taghraf falz lil xi awtorita' pubblika f' dokument u ghalhekk il-Qorti qatt ma setghet issib lill-appellanti hatja. 2. Li l-Ewwel Qorti, fl-applikazzjoni tal-artikolu 117 tal-Kap

318 fil-konfront taz-zewg appellanti applikat multa hazina. 3. Li l-Qorti applikat hazin il-piena fil-Kap.343 tal-Ligijiet ta' Malta. 4. Li l-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk kellha tapplika piena fil-minimum taghha. 5. Li minghajr pregudizzju ghall-aggravji imsemmijia, l-appellanti ma setghu qatt jigu misjuba hatja taht l-artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta meta huma kienu qed jigu akkuzati taht ligijiet specjali bhal ma huma l-Kap. 318 u 343 fuq l-istess cirkostanzi tal-kaz; 6. Li l-Ewwel Qorti applikat hazin l-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kap.9.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat is-sentenza taghha tal-31 t' Awwissu, 2006 (Fol. 111 et seq.) fejn kienet ikkonfermat sentenza precedenti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu, 2006, li kienet illiberat liz-zewg appellanti odjerni mill-ewwel imputazzjoni w annullat is-sentenza fil-kumplament ghar-ragunijiet hemm indikati.

Ikkonsidrat.

Illi fil-waqt li t-tieni, t-tielet, r-raba' w s-sitt aggravji jirrigwardaw il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, l-ewwel u l-hames aggravji jirrigwardaw il-mertu w s-sejbien ta' htija. Ghalhekk ovvjament l-ewwel li jridu jigu decizi huma dawn l-ahhar zewg aggravji.

Ikkonsidrat;

Colin Gauci meta gie mizmum mill-Pulizija waqt spezzjoni li saret minnhom u minn ufficjali tal-ETC fit-3 ta' Gunju, 2004, kien ammetta li qed jirregistra ghax-xoghol u li fl-ahhar sentejn kien ibiegh *loose furniture* minn fuq il-monti w li x-xoghol li kellu quddiem il-van tieghu kien tieghu wkoll. Sahansitra kellu l-*business cards u invoices* ta' biegh. Mid-dar tieghu giet elevata l-karta tal-ETC li turi li kien qed jirregistra. Kenneth Gauci wkoll ammetta li kien ilu xi sena w nofs jirregistra ghax-xoghol u jahdem, billi jbiegh fuq il-monti. Colin Gauci ma kienx hass li ghandu javza lil tal-ETC b' dan ghax ma kellux post fiss. Kenneth

Gauci ma avvzax lil tal-ETC ghax bil-flus li kien qed jaqla' fuq ix-xoghol ma kienx bizzejjed biex imantni l-familja tieghu. Dan jirrizulta kollu mix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa" (fol. 13 et seq.) u mill-istqarrijiet taz-zewg appellanti (a fols. 21 sa 27). Irrizulta li Colin Gauci kien ilu jirregistra mit-30 t' Ottubru, 2001 u Kenneth Gauci kien ilu jirregistra mill-14 ta' Dicembru, 1998. (Ara depozizzjoni ta' Fiorenzo Desira , Senior Clerk fl-Ispettorat tal-ETC - Fol. 44).

Dwar l-Ewwel aggravju, l-appellanti jargumentaw li ghaliex ix-xoghol taghhom kien ta' darba fil-gimgha meta kienu jarmaw fuq is-suq taz-Zurrieq, allura ma kienux qed jahdmu bi qliegh. Dan hu manifestament skorrett. Hu risaput li fin-negozju mhux il-hin u n-numru ta' granet li wiehed iqatta' fil-hanut jew fuq tilar go xi suq li jiddetermina l-qliegh, imma t-*turnover* li wiehed jaghmel u l-qliegh jew profitt li jippercepixxi fuq dak it-*turnove*r. Kull min jahdem ghal rasu jaf li jistghu jghaddu granet li fihom ma jkun inkassa pratikament xejn umbaghad tigi gurnata jew siegha li fiha jaqla' bagatella flus. Ghalhekk din il-Qorti m' ghandix dubju li z-zewg appellanti fiz-zmien indikat fic-citazzjoni kienu qed jahdmu bi qliegh meta kienu qed jirregistraw bhala dizokkupati w b' hekk setghu jircevu l-beneficcji socjali relattivi.

Illi pero', minkejja li ngabu dawn il-provi kollha w minkejja li ovvjament biex l-appellanti gew irregistrati bhala *unemployed* u bdew jircevu l-beneficcji socjali relattivi, x' aktarx li huma kienu mlew xi formola jew applikazzjoni bid-dettalji w s-sitwazzjoni taghhom, tali dokument jew dokumenti ma gew qatt esebiti fil-process u ghalhekk ma saritx l-aqwa prova li huma **<u>f' xi dokument</u>** mahsub ghal xi awtorita' pubblika, ghamlu xjentement dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz, kif jiddisponi l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, ghall-fini tat-tieni imputazzjoni. F' sedi kriminali wiehed ma jistax jassumi ebda prova w skond l-artikolu 638 (1) tal-Kodici Kriminali, *"Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti ..".* F' dan il-kaz biex issr din l-ahjar prova, kien mehtieg li jigu esebiti xi formoli jew applikazzjonijiet mimlija u/jew iffirmati miz-zewg appellanti

fejn ikun hemm id-dikjarazzjoni li huma mhux qed jahdmu bi qliegh jew xi informazzjoni simili. Gjaladarba din il-prova hija nieqsa ma jirrizultax li huma ghamlu xi stqarrija falza f' xi dokument u dan hu element essenzjali biex jissussisti r-reat kontemplat fl-art. 188. Ghalhekk dan l-aggravju jidher fondat u qed jigi milqugh. Ergo l-appellanti ma setghux jinstabu hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghhom.

Umbaghad gjaladarba qed jigi milqugh dan l-aggravju, l-hames aggravju jigi superfluwu ghaliex jigi nieqes mill-premessa tieghu li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija taht l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali w taht id-dispozzzjonijiet tal-Kapi 318 u 343, billi issa mhux qed tinstab htija taht l-art. 188 tal-Kodici Kriminali.

Invece din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, hija altru milli sodisfatta sal-grad tac-certezza morali li l-akkuzi l-ohra u cioe' t-tielet w r-raba' akkuzi jirrizultaw manifestament pruvati.

Ghalhekk jibqa' biss biex jigu trattati l-aggravji li jirrigwardaw il-piena.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju fuq il-piena, din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.).

F’dan il-kaz l-appellanti jissottomettu li ghar-reati li jaqghu taht il-Kap.318 il-piena kienet dik tal-multa minn Lm20 sa Lm500 jew inkella dik ta’ darba w n-nofs il-beneficcju ricevut, jew dik ta' prigunerija ghal mhux aktar minn tlitt xhur jew il-multa w l-prigunerija flimkien u l-Ewwel Qorti ghazlet dik tal-beneficcju ricevut moltiplikat b' darba u nofs.

Illi skond l-artikolu 117 (1) (iii) tal-Att Dwar is-Sigurta' Socjali (Kap.318) kull min, bl-iskop li jakkwista xi hlas taht dan l-Att, kemm ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor, xjentement jew bi traskuragni, jaghmel dikjarazzjoni falza jew juri xi haga b' ohra, jew bi frodi jonqos li jirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma jircevi xi hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew jista' jkollha konsegwenza materjali fuq l-ammont jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament, jista' jehel, meta jinstab hati, multa ta' mhux inqas minn ghoxrin lira izda li ma tkunx aktar minn darba w nofs ta' l-ammont ta' beneficcju, pensjoni jew allowance jew ghajnuna li jkunu gew ricevuti illegalment, jew hames mitt lira, liema minnhom tkun l-oghola, jew prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlitt xhur, izda mhux itwal minn tnax il-xahar jew dik il-multa w dik il-prigunerija flimkien.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taghzel li tippenalizza lill-appellanti bil-multa minnflok il-prigunerija jew multa w prigunerija flimkien, kif ukoll li tinfliggi l-piena tal-multa fil-massimu taghha ta' mhux aktar minn darba w nofs il-hlas percepit rispettivament mill-appellanti illegalment.

L-argument tad-difiza li f' kaz li dan l-ammont ikun aktar minn LM500, ghandu jigi *"capped at LM500"* mhux legalment korrett ghaliex l-espressjoni ***<u>"liema minnhom ikun l-oghola"</u>*** ma tistax tigi interpretata hekk u hu ovvju li jekk il-multa ta' darba w n-nofs l-ammont percepit illegalment tkun oghola minn LM500, tkun dik il-multa applikabbli bhala l-massimu w mhux LM500.

Illi rrizulta li l-ammont percepit illegalment mill-appellant Kenneth Gauci ghall-periodu bejn l-1 ta' Dicembru, 2002 u l-4 ta' Gunju, 2004, meta inqabad, kien ta' LM4569.27c (Fols. 33 sa 36) fil-waqt li l-ammont ricevut illegalment mill-appellant Colin Gauci ghall-periodu mill-1 ta' Gunju, 2002 sal-4 ta' Gunju, 2004, kien ta' LM2828.99c (Fols. 37 sa 40). Ergo il-kalkolu matematiku ta' multa ta' darba w n-nofs dawn iz-zewg ammonti rispettivi maghmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata huwa korrett.

l-Ewwel Qorti ma erogatx piena ghar-reat taht ir-raba' imputazzjoni li jaqa' taht l-artikolu 48( c ) tal-Kap.343, ghax irriteniet li dik il-multa tkun assorbita fil-piena oghola mahsuba taht il-Kap.318, skond l-art. 17(f) tal-Kodici Kriminali.

Issa l-artikolu 48 ( c ) tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Tahrig (Kap.343) li fuqu hija msejjsa r-raba' imputazzjoni, jiddisponi li kull persuna li, dwar xi haga taht dak l-Att, ghax trid, ma taghtix xi taghrif importanti, minghar raguni legittima, tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinstab hatja, multa ta' mhux inqas minn hamsin lira izda mhux izjed minn hames mitt lira jew prigunerija ghall-periodu ta' mhux aktar minn sena, jew dik il-multa w prigunerija flimkien.

Illi biex l-Ewwel Qorti ma erogatx piena ghal dan ir-reat invokat l-artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali. Dan jipprovdi li persuna misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghola jew ta' l-oghola multa jew ammenda skond il-kaz, b' zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi ohra. Fil-fatt l-Ewwel Qorti ghalkemm applikat l-oghla multa ma jidhirx li erogat piena ta' nofs xi multa ohra.

Illi proprjament dan hu kaz fejn fatt wiehed jaghti lok ghall-kommissjoni ta' aktar minn reat  wiehed u fejn allura skond il-gurisprudenza stabilita jkun hemm il-konkors formali jew idejali tar-reati w fejn allura tapplika biss l-piena tar-reat l-aktar gravi.

F' dan il-kaz hu ovvju li r-reat kontemplat fl-artikolu 117(1)(iii) tal-Kap.318 u li fuqu hi bazata t-tielet imputazzjoni hu reat aktar gravi minn dak kontemplat fuq ir-raba imputazzjoni msejjes fuq l-artikolu 48 ( c ) tal-Kap.343, fl-ewwel lok ghax fil-waqt li tal-ewwel ghandu minimum ta' prigunerija ta tlitt xhur, it-tieni m' ghandux minimum u, fit-tieni lok, ghax fil-waqt li l-massimu tal-multa fil-Kap. 343 hu dak ta' LM500, fil-kaz tal-Kap.318 hemm multa massima li tkun mhux aktar minn darba w nofs l-ammont

ta' hlas ricevut illegalment, li, f' dan il-kaz, hija indubbjament aktar minn LM500.

Ghalhekk fil-waqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta fejn erogat piena biss ghat-tielet imputazzjoni taht l-artikolu 117 (1) (iii) tal-Kap.318, ir-raguni ghal dan trid tkun ghaliex bejn it-tielet u r-raba imputazzjoni hemm il-konkors formali jew idejali tar-reati w mhux ghax hu applikabbli l-artikolu 17 (f).

B' dana kollu din il-Qorti tara li l-piena erogata, fic-cirkostanzi, kienet pjenament gustifikata u ma tara ebda raguni ghala l-appellanti, li sfaccatamnent abbuzaw mis-sistema tas-servizzi socjali, meta jkellhom negozju attiv ghaddej, ghandhom jibbenefikaw minn xi piena inqas minn dik gustament erogata mill-Ewwel Qorti. Ergo dawn l-aggravji kollha dwar il-piena, ghajr dak tal-applikabilta' tal-art. 17 (f) qed jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghhom u fir-rigward ta' din l-akkuza lliberat liz-zewg appellanti bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' din it-tieni imputazzjoni w tilliberhom minn kull provvediment taht il-Kap.446 fir-rigward taghha w tikkonfermaha fejn regghet tenniet in-nuqqas tas-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni konfermata bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 t' Awwissu, 2006, fejn sabet liz-zewg appellanti hatja tat-tielet u r-raba' imputazzjoni u fejn ikkundannathom rispettivament ghall-multa ta' LM6853.90 ekwivalenti ghall-hmistax il-elf, disa' mija u hamsa w sittin Euro u disgha w ghoxrin centezmu (Euro 15,965.29c) fil-kaz tal-appellant Kenneth Gauci, u ghall-multa ta' LM4243.48c ekwivalenti ghall disghat elef, tmin mija u erba w tmenin Euro u hamsa w sittin centezmu (Eur.9,884.65c) fir-rigward tal-appellant Colin Gauci, u fuq talba tad-difiza, mhux opposta mill-prosekuzzjoni, tvarja l-modalita’ tal-hlas billi takkorda lill-appellanti l-fakolta' li dawn il-multi jithallsu b' rati mensili fi

zmien tnax il-xahar, liema terminu pero' jibda jiddekorri mil-lum u b' dana li kull pagament mensili m' ghandux ikun inqas minn dak ta' elf, tlitt mija w tletin Ewro w erba’ w erbghin centezmi (€ 1330.44) kull xahar, pagabbli sal-21 ta' kull xahar, l-ewwel skadenza fl-21 ta' Marzu, 2008 fil-kaz ta' Kenneth Gauci, u mhux inqas minn dak ta' tmin mija w tlieta w ghoxrin Ewro w hamsa w hamsin centezmi (€ 823.55) kull xahar pagabbli sal-21 ta' kull xahar, l-ewwel skadenza fl-21 ta' Marzu, 2008, fil-kaz ta' Colin Gauci w b' dan ukoll li fin-nuqqas ta' pagament puntwali ta' xi skadenza wahda jew parti minnha, l-ammonti bilancjali rispettivi isiru esegibbli minnufieh minnghand min ma jhallasx puntwalment u li, fin-nuqqas ta' hlas tal-ammont kollu dovut, dan jigi konvertit awtomatikament f' termini ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------